BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru.** **03/2012**

**Data tal-pubblikazzjoni:** **31 ta' Awwissu 2012**

**Marzu 2012**

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro ċkienet b'EUR21.2 miljun, jew 0.2%, f'Marzu, għal EUR10.3 biljuni (ara Tabella 1). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 10.4% minn 12.7% fi Frar.

It-tnaqqis fix-xahar fil-kontribuzzjoni ta' Malta għall-M3 taż-żona tal-euro kien riżultat ta' tnaqqis ta' EUR55.0 miljun fi ftehim għal xiri mill-ġdid bejn bank lokali u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u li huma residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. Dan it-tnaqqis kien megħlub parzjalment minn żieda fil-komponent monetarju intermedju (M2) u fil-ħruġ ta' titoli ta' dejn għal żmien qasir. It-tkabbir fl-M2 kien dovut kollu kemm hu għall-komponent monetarju ristrett (M1), li seħħ minħabba depożiti *overnight*. Dawn żdiedu b'EUR54.6 miljun, hekk kif kien hemm żieda fil-bilanċi miżmuma minn individwi u kumpaniji privati mhux finanzjarji. Sadattant, kien hemm tnaqqis żgħir fil-flus maħruġa. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali fl-M1 battiet, u naqset għal 7.8% f'Marzu, minn 10.9% xahar qabel.

F'Marzu, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas, li flimkien mal-M1 jagħmlu parti mill-komponent monetarju intermedju (M2), naqsu b'EUR16.8 miljun, jew 0.4%. Dan prinċipalment irrifletta tnaqqis fl-ammont ta' titoli miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. Id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas naqsu ftit matul dan il-perijodu. Fuq bażi sena fuq sena, il-komponent monetarju intermedju kiber b'5.4%, li hu inqas mir-rata ta' 7.1% fi Frar.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti taż-żona tal-euro naqas sostanzjalment b'EUR342.3 miljun, jew 2.1%, minħabba tnaqqis fil-kreditu lill-gvern ġenerali. Dan naqas b'EUR380.2 miljun, jew 8.2%, l-aktar b'riżultat ta' tnaqqis fl-ammont ta' titoli tal-gvern miżmuma mill-banek maħruġa minn pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. B'kuntrarju għal dan, il-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali żdied b'EUR37.9 miljun, jew 0.3%, u dan jirrifletti aktar self lil kumpaniji mhux finanzjarji u individwi. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu niżlet għal 8.8%, minn 11.4% xahar qabel.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM Maltin u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro, żdiedet b'EUR871.4 miljun, jew 10.9%, f'Marzu. Dan seħħ minħabba żieda konsiderevoli fl-obbligazzjonijiet ta' residenti barra

ż-żona tal-euro flimkien ma' tnaqqis iżgħar fl-obbligazzjonijiet lejhom. Iż-żieda fl-assi seħħet prinċipalment minħabba żieda fl-ammont ta' titoli miżmuma mill-banek maħruġa minn pajjiżi barra ż-żona tal-euro. Sadattant, it-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet irrifletta inqas self meħud minn banek barra ż-żona tal-euro.

F'Marzu, il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 żdiedu b'EUR550.4 miljun, jew 4.0%, minħabba żieda f'obbligazzjonijiet oħra (netti). Din iż-żieda rriflettiet primarjament transazzjonijiet bejn il-banek ma' residenti oħra fiż-żona tal-euro.

## Żviluppi fid-depożiti ta' u fis-self lil residenti Maltin

Id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin kibru b'EUR66.7 miljun, jew 0.8%, f'Marzu (ara Tabella 2). Dan irrifletta żieda fid-depożiti *overnight*, li żdiedu bi EUR48.5 miljun, jew 1.0%, flimkien ma' tkabbir fid-depożiti li jimmaturaw sa sentejn jew anqas, li żdiedu bi EUR22.4 miljun, jew 0.6%. B'kuntrarju għal dan, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur jew anqas ċkienu b'EUR4.1 miljuni, jew 3.2%. Ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti totali niżlet għal 4.1% f'Marzu minn 5.7% fi Frar.

Iż-żieda f'Marzu fid-depożiti *overnight* kienet dovuta l-aktar għal bilanċi ogħla miżmuma minn individwi u kumpaniji mhux finanzjarji, filwaqt li ż-żieda fid-depożiti li jimmaturaw sa sentejn jew anqas kienet dovuta għall-intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek.

Il-kreditu tal-IFM residenti lil residenti ta' Malta (inkluż il-gvern) ċkien b'EUR19.9 miljun, jew 0.2%, f'Marzu. Minħabba f'hekk, it-tkabbir fil-kreditu annwali niżel għal 6.4% minn 6.8% fi Frar.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas bi EUR17.2 miljun, jew 0.7%, minħabba ammont inqas ta' titoli tal-Gvern ta' Malta miżmuma mill-banek. Fuq bażi annwali, ir-rata tat-tkabbir battiet għal 12.9% minn 13.9% fi Frar. Bl-istess mod, il-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali naqas bi ftit, b'EUR2.7 miljuni, l-aktar minħabba ammont iżgħar ta' titoli maħruġa minn kumpaniji pubbliċi mhux finanzjarji miżmuma mill-banek, filwaqt li s-self lir-residenti naqas b'EUR0.3 miljun. Is-self mogħti lill-individwi (l-aktar għall-iffinanzjar ta' xiri tad-djar) kiber matul dan ix-xahar, imma dan kien megħlub minn tnaqqis fis-self mogħti lil kumpaniji mhux finanzjarji. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lil residenti oħra battiet għal 4.6% minn 4.9% fi Frar.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin naqsu b'EUR187.5 miljun, jew 1.6%, f'Marzu, hekk kif l-assi barranin naqsu filwaqt li l-obbligazzjonijiet barranin żdiedu (ara Tabella 2).[1] Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet barranin seħħet minħabba żieda sinifikanti fid-depożiti ta' barranin. Sadattant, it-tnaqqis fl-assi barranin kienet dovuta l-aktar għal tnaqqis fid-depożiti ta' banek domestiċi ma' banek barranin. F'termini annwali, l-assi barranin netti kibru bi 3.8%, li hu inqas mir-rata ta' 6.8% fi Frar.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti

F'Marzu, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti inklużi fl-M3 naqset b'punt bażi għal 1.11% filwaqt li l-istess rata fuq is-self żdiedet marġinalment b'żewġ

---

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

punti bażi għal 4.71%. Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti naqset b'punt bażi filwaqt li dik mitluba fuq is-self niżlet bi tmien punti bażi.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)(2)

*€ miljuni*

| | Mar-12 | Fra-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Mar-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(3)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,581.6** | **5,528.0** | **53.6** | **1.0** | **5,178.2** | **403.5** | **7.8** |
| Flus maħruġa(4) | 701.9 | 702.9 | -1.0 | -0.1 | 661.7 | 40.1 | 6.1 |
| Depożiti *overnight* (5) | 4,879.8 | 4,825.1 | 54.6 | 1.1 | 4,516.4 | 363.3 | 8.0 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,618.8** | **9,586.2** | **32.6** | **0.3** | **9,126.8** | **492.0** | **5.4** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,581.6 | 5,528.0 | 53.6 | 1.0 | 5,178.2 | 403.5 | 7.8 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(5) | 126.6 | 130.7 | -4.1 | -3.1 | 132.0 | -5.5 | -4.2 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(5) | 3,910.6 | 3,927.5 | -16.8 | -0.4 | 3,816.6 | 94.0 | 2.5 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,310.6** | **10,331.8** | **-21.2** | **-0.2** | **9,340.1** | **970.5** | **10.4** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,618.8 | 9,586.2 | 32.6 | 0.3 | 9,126.8 | 492.0 | 5.4 |
| Self kontra titoli | 478.0 | 533.0 | -55.0 | -10.3 | 0.0 | 478.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas(6) | 213.7 | 212.6 | 1.2 | 0.5 | 213.3 | 0.4 | 0.2 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,911.7** | **16,254.0** | **-342.3** | **-2.1** | **14,619.3** | **1,292.4** | **8.8** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,259.4 | 4,639.6 | -380.2 | -8.2 | 4,090.8 | 168.7 | 4.1 |
| Self lil setturi oħra | 11,652.3 | 11,614.4 | 37.9 | 0.3 | 10,528.6 | 1,123.7 | 10.7 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **8,838.4** | **7,967.0** | **871.4** | **10.9** | **7,299.9** | **1,538.6** | **21.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 30,542.6 | 29,845.5 | 697.1 | 2.3 | 27,791.3 | 2,751.3 | 9.9 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 21,704.2 | 21,878.5 | -174.3 | -0.8 | 20,491.4 | 1,212.7 | 5.9 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **14,439.6** | **13,889.2** | **550.4** | **4.0** | **12,579.1** | **1,860.5** | **14.8** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 740.4 | 828.2 | -87.8 | -10.6 | 684.0 | 56.4 | 8.2 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 11,952.2 | 12,130.5 | -178.3 | -1.5 | 11,413.9 | 538.3 | 4.7 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 1,747.1 | 930.5 | 816.6 | 87.8 | 481.2 | 1,265.8 | 263.0 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*€ miljuni*

| | Mar-12 | Fra-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Mar-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **8,566.9** | **8,500.1** | **66.7** | **0.8** | **8,227.4** | **339.4** | **4.1** |
| Depożiti *overnight* | 4,715.8 | 4,667.3 | 48.5 | 1.0 | 4,377.1 | 338.7 | 7.7 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 124.0 | 128.1 | -4.1 | -3.2 | 131.3 | -7.3 | -5.6 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,727.1 | 3,704.7 | 22.4 | 0.6 | 3,719.0 | 8.1 | 0.2 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,016.8** | **11,036.7** | **-19.9** | **-0.2** | **10,357.9** | **658.9** | **6.4** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,426.7 | 2,443.9 | -17.2 | -0.7 | 2,149.3 | 277.4 | 12.9 |
| Self lil setturi oħra | 8,590.1 | 8,592.8 | -2.7 | 0.0 | 8,208.6 | 381.5 | 4.6 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,475.7** | **11,663.2** | **-187.5** | **-1.6** | **11,057.4** | **418.3** | **3.8** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 41,663.7 | 41,708.0 | -44.3 | -0.1 | 38,985.7 | 2,678.0 | 6.9 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 30,188.0 | 30,044.8 | 143.2 | 0.5 | 27,928.2 | 2,259.8 | 8.1 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.